# 'L HAWN U 'L HINN

## FIR-RAZZETT U FIL-GHALQA

(*Minn "LELI"*)

Kemm tassew ferħu l-bdiewa u d-dilettanti tat-tjur u fniek dan l-aħħar bin-nuħħala u s-smida li tqassmet! Niżżuħajr 'l Alla issa bdejna naraw id-dawl u l-għaks u n-nuqqas tas-sena l-oħra donnu qiegħed, iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar jitbiegħed. Madankollu, m'għandniex ninsew illi għadna fi gwerra u li t-tweghir u s-sakrifiċċi ma spiċċawx.

* * *

Kont għaddej minn quddiem ir-razzett ta' Majsi ta' Bandallu. Naraħ tfaċċa mill-bieb u: "Nista' nkellmek?" qalli. "Isbaħ din" għidtlu. "X'inqala' mill-ġdid, Majs?" "Tassew", qalli, "li l-Gvern sejjer jagħmtl it-taxxa fuq ir-raba'?" "Taxxa? dan min ġie webblek b'dan, Majs?" "Mela dak li ġie jqajjes u jikteb ir-raba' x'ġie jagħmel?" qalli. Ried igħid fuq ix-xogħol li għamel id-Dipartiment tal-Biedja dan l-aħħar fuq l-istaħriġ li sar fl-egħlieqi. Fehemtu li dan ix-xogħol ma sar xejn għat-taxxi bħalma riedu jwebblulu f'rasu xi talin. "Toħroġ il-għaġeb", qalli, "kif igħawġuh id-diskors xi nies u kemm jaqilgħu minn żniedhom!". U mbagħad, meta fehem sewwa li dan ix-xogħol sar biss fl-interess tal-bidwi: "Kos" qalli, "kos ma tridx tibla' kulma jgħidu dawn il-flien"

* * *

Dan ta' l-aħħar ix-xlokk għamel tiegħu bl-ikraħ. Jum wara l-ieħor erħilu jontoħ sħun u mdellek. Għakar u ċlampu ma' kullimkien. Saħta tal-iħtriq! Kif ixebbgħek u jmarrdek! L-aħjar temp għad-dubbiena tal-frott. Kemm tridu dan it-tidlik u kemm toktor u tixtered bih. U l-ħsara li tagħmel, l-iktar fil-larinġ, toktor magħha. Trid taħsbilha minn kmieni lid-dubbiena mix-xahar tal-Karmnu jew qabel.

* * *

Fil-għalqa, wara l-ħamrija, l-iktar ħaġa li hi meħtieġa hu l-ħajt tagħha. Tant hu hekk illi l-ħitan huma li jagħmlu l-"għalqa". Għax il-kelma "għalqa" ma tfisserx ħag'oħra ħlief ħaġa magħluqa bil-ħitan u twieġeb għall-kelma Ingliża "enclosure" u għat-Taljana "chiusa".

Il-ħitan qegħdin hemm mhux biss biex jaqsmu proprjetà minn oħra u biex jilqgħu r-riħ, imma l-iktar biex iżommu l-ħamrija fl-għalqa. Jekk tneħħi l-ħitan jiġri li l-ilmijiet tax-xita u l-maltempijiet, bil-mod il-mod, iġorru l-ħamrija magħhom u biż-żmien ma jibqa' xejn ħlief qurriegħa blat. U l-"ktajjen" għalhekk ukoll iservu. Dan jafuh tajjeb il-bdiewa tagħna.

Dawn l-aħħar snin, bejn il-ħsara li saret ħtija tal-gwerra u bejn in-nuqqas ta' ħaddiema, ħafna mill-ħitan li waqgħu baqgħu ma ntrefgħu xejn. Madwarek fl-għelieqi ma tarax ħlief ħitan imġarrfa u braġ ta' ġebel. Il-bidwi, magħfus bix-xogħol u kemm kemm jilħaq mar-raba', dlonk iħalli l-ħitan borġ fejn waqgħu. U l-ħsara iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar tikber!

* * *

Mill-mistoqsijiet li qegħdin isirulna jidher ċar illi ħafna bdiewa għadhom ma fehmux sewwa l-ordni li ħareġ il-Gvern dwar iż-żrigħ ta' qamħ u xgħir għal din is-sena.

Il-bdiewa, li jirċievu l-karta fuq kemm għandhom jiżirgħu qamħ jew xgħir u tiġihom xi diffikultà, għandhom imorru jkellmu lill-Uffiċċjal tal-Biedja tad-Distrett tagħhom. Dan jinsab dejjem lest biex igħinhom.

## POMPA GHALL-BDIL

Ir-Rettur tal-Kulleġġ San Lwiġi ta' Birkirkara, għandu pompa li ttalla' l-ilma flimkien ma' xi kanen li hu jixtieq ipartat taħt kondizzjonijiet li jiġu miftehmin. Flok ipartat jista' wkoll ibigħha jekk isib oħra ġdida. Jekk hemm xi ħadd li dil-ħaġa tinteressaħ jista' jmur jara lir-Rettur tal-Kulleġġ San Lwiġi, Birkirkara.

# INKUBATURI U EKONOMIJA

## Kif niffrankaw mill-Pitrolju, inżommu l-Inkubatur jaħdem tajjeb u niksbu għadd sabiħ ta' Flieles

(*K. Zammit Marmarà, M.B.E.*)

DAN hu żmien ta' ekonomija, u kull ħaġa li tista' ġġib ekonomija għandha tiġi milqugħa u studjata tajjeb mhux biss għaliex hu dmir tagħna li nnaqqsu l-ħala fi żmien il-gwerra, imma wkoll għaliex bi ftit tar-reqqa, oġġett jista' jiġi jiswielna wisq inqas, u meta ssir ekonomija f'ħaġa meħtieġa bħal mhu l-pitrolju, allura sar ħaġa tabilħaqq ta' min jirrikkmandaha.

Bosta dilettanti tat-tjur, u wkoll għadd ta' bdiewa, jużaw l-inkubaturi għat-tfaqqis tal-bajd. Dan l-użu għad iżjed jiżdied f'artna, għaliex l-inkubatur hu iżjed komdu billi fih tista' tqiegħed għadd wisq ikbar ta' bajd milli tqiegħed taħt qroqqa. Tabilħaqq hemm inkubaturi ta' bosta eluf ta' bajd, għalkemm inkubaturi ta' daqs hekk kbir għad ma daħlux f'Malta.

L-inkubaturi jaħlu bosta pitrolju, l-ewwelnett għaliex il-biċċa l-kbira għandhom ftila ta' pulzier wisa' (daqs ta' lampa tad-dar), it-tieninett għaliex il-lampa tkun tixgħel lejl u nhar.

Mela l-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu għandna nippruvaw nagħmlu ekonomija kbira fil-pitrolju. Bosta lampi ta' l-inkubaturi jaħlu d-doppju u kultant iżjed mid-doppju ħtija ta' traskuraġni.

Mela ibda biex tnaddaf sewwa t-tank tal-pitrolju tal-lampa. Naddfu sewwa minn xi sadid u xi ilma li jista' jinġema' fih ukoll fil-fwar. Wara duru dawra bir-reqqa biex tara joqtorx. Sewwi kull difett li ssib minnufih.

Il-pitrolju żommu dejjem f'post xott, la tħallihx f'post fejn ix-xita tista' tilħqu, għaliex jekk jitħallat xi ftit ilma miegħu, allura l-ilma jifga l-ftila u s-sħana li tagħmel din tkun wisq inqas milli tagħmel b'pitrolju nadif. Wieħed għandu wkoll jieħu kura li ma jħalli l-ebda qtar ta' fwar li jaqa' fuq it-tank tal-pitrolju tal-lampa.

Ir-ram, jew l-oġġett li jkun, li fih tidħol il-ftila għandna nnaddfuh sewwa, u biex isir dan kif għandu jkun għandna ngħalluh fl-ilma bis-soder. L-aħjar ħaġa tkun li wieħed juża ftila ġdida, u qabel jużaha jnixxifha ftit f'forn jew post sħun ħafna.

Ftila ġdida għandna nirranġawha b'imqass li jaqta' u għandha tinġieb ta' l-istess għoli — l-ebda truf ma għandhom jitħallew.

Il-ftila għandha titnaddaf *kull jum* mill-ħruq li jkun hemm f'xifitha. Wieħed għandu jġib quddiem għajnejh li t-tarf tal-ftila, meta jkun maħruq, ma jixrobx u jservi biss biex itellef is-sħana li tagħmel il-fjamma.

Ir-ram li fih tkun il-ftila għandu *jiffittja* sewwa mal-lampa, għax jekk ma jkunx jagħlaq sewwa s'isfel, allura s-sħana tonqos għall-inqas 40 fil-mija. Telf ta' sħana jsir ukoll minn xi *mika* maqsuma li jkun hemm fl-inkubatur.

Il-*pipes* kollha li minnhom tgħaddi s-sħana tal-lampa għandhom ukoll jinżammu dejjem indaf, u jekk xi darba l-lampa ddaħħan, allura dawn għandhom jitnaddfu minnufih għaliex fihom jista' jitrabba nugrufun li ma jħallix is-sħana tgħaddi sewwa ma' l-inkubatur. Dawn jistgħu jitnaddfu malajr jew b'pinzell għal ta' l-apposta jew inkella f'biċċa ċarruta marbuta ma' biċċa *bamboo*.

Meta l-inkubatur ikun fil-kurrent ta' l-arja bosta sħana tintilef. Għalkemm l-inkubatur jinħtieġlu l-arja; il-kurrent jagħmel ħażin.

L-inkubatur għandu jkollu l-kaxxa insulata sewwa, iżda inkubaturi rħas ikollhom insulazzjoni ħażina. Dan malajr tista' taraħ billi, wara ftit li tixgħel il-lampa, tqiegħed idejk ma l-inkubatur. Is-sħana li tħoss f'idejk tkun sħana mitlufa.

Biex tħares dan tista' ssammar folji tat-"triply" minn barra u timla l-vojt bejn dawn u l-kaxxa ta' l-inkubatur bis-serratura.

## QWIEL U DRAWWIET DWAR IL-BIEDJA TA' NOVEMBRU

(*A. Cremona*)

Wieħed mill-qwiel ta' dan ix-xahar igħidilna:—

*Nhar Sant'Andrija* (it-30 ta' Novembru) *nofs il-muna mitmuma,*
*U nofs il-miżirgħa miżrugħa.*

li jfisser illi nofs il-prodott tat-tgħam ta' l-aħħar sitt xhur intemm u nofs il-qamħ ikun miżrugħ. Bħal dan il-qawl jingħad ieħor fi Sqallija li jgħid illi *f'Sant'Andrija l-bidwi tas-sengħa jkun diġà żara' t-tgħam u jekk jiżra' issa ma jinbetx kif għandu jinbet.*

Bħala drawwa ż-żrigħ tal-qmuħ dari qatt ma kien isir wara l-aħħar ta' Novembru. Il-qamħ malti nistgħu ngħidu li jinżara' f'Diċembru u xi mindaqqiet iżjed tard ukoll jiġifieri f'Jannar u saħansitra fi Frar. Il-bidwi Malti, iżda jidhirlu illi l-aħjar żmien għaż-żrigħ hija t-tielet ġimgħa ta' Diċembru. Il-qamħ malti iktarx huwa mir-razza tat-tomnija sqallija (*tumminia*). It-temp xott ta' wara Frar, ma jħajjarx li jinżara' dan ix-xorta ta' qamħ fil-bidu tar-rebbiegħa bħalma jsir fi Sqallija. Mill-banda l-oħra, iż-żrigħ ta' qamħ f'Ottubru, u saħansitra f'Novembru, jagħti ħafna tiben iżda prodott għajjien ta' sbula. Għalhekk minn dak li ġarrab, il-bidwi tgħallem li ma għandux jibqa' fuq id-drawwa l-qadima, iżda jiżra' iżjed fit-tard (mal-20 ta' Diċembru) (Ara Prof. J. Borg "Semina in Malta e Prodotti Orticoli ed Agricoli", 1918, paġ. 52).

Qawl ieħor iwettaq il-fehma tal-bdiewa tagħna illi ż-żrigħ jaqbel li jsir iktar fl-aħħar ta' Diċembru milli għall-aħħar tax-xitwa, jew għal Marzu. Dan il-qawl igħid "*It-tomnija ta' disat ijiem aħjar mill-oħra bix-xita fit-tmiem*", li jfisser illi ż-żrigħ tal-qamħ tar-rebbiegħa l-aħjar tiżirgħu ma' tul id-disat ijiem bejn lejlet il-Milied u l-aħħar ta' Diċembru. Id-drawwa taż-żrigħ bikri kienet, madankollu, rabbiet l-egħruq u għalhekk għad għandna fuq hekk dawn il-qwiel l-oħra:—

*Meta jasal San Anard* (6 ta' Novembru)
*Iżra' f'kull art.*

Iż-żrigħ, fuq id-drawwa tal-pajjiżi ta' nofs in-nhar ta' l-Ewropa, l-iktar fl-Italja u fi Sqallija, kien isir bikri fil-bidu tal-ħarifa, ngħidu aħna f'Ottubru, għalhekk għad hemm il-qawl li jgħid:—

*Meta jasal San Xmun* (28 ta' Ottubru)
*Iżra' niexef jew miblul.*

Din id-drawwa jidher li kienet tnisslet minn dik ta' Sqallija jew l-Italja fejn insibu, tista' tgħid, l-istess qawl li jgħid:—

*O molle o asciutto*
*Per San Luca semina* (18 ta' Ottubru).

—:x:—

## RKANT KBIR
## TA' BGĦULA, ŻWIEMEL, KARRETTUNI, INĠENJI, EĊĊ.

Nhar il-Ħadd, fis-7 ta' dan ix-xahar, fid-8.45 ta' filgħodu, ser ikun hemm fil-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, rkant ta' għoxrin bagħal, għoxrin żiemel, karrettuni u inġenji.

Il-bgħula waslu Malta ftit ġranet ilu minn Lampedusa u ż-żwiemel, il-karrettuni u l-inġenji huma l-proprjetà tad-Dipartiment tal-"Victory Kitchen".

Dawk il-bdiewa biss li għandhom il-biljett li huma miktubin għand id-Dipartiment tal-Biedja u li fil-bidu ta' dis-sena kitbu li għandhom bżonn ta' żwiemel u bgħula jkunu jistgħu jixtru minn dawn il-bhejjem. Kull bidwi ma jistax jixtri iktar minn bagħal jew żiemel *wieħed* u x-xerrej irid jiffirma kuntratt li jżomm il-bagħal jew iż-żiemel minn lanqas għal sena sħiħa.

Dawn il-bhejjem ikunu għall-wirja fil-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, nhar is-Sibt, is-6 ta' dan ix-xahar, il-ġurnata kollha.

## FUQ IŻ-ŻUNTIER
## PEPPI U TONI

(*K. Zammit Marmarà, M.B.E.*)

TONI.—X'għandna Pepp, x'ġibt tajjeb il-lum?

PEPPI.—Hawn aħna, Ton, għandi xi misturi, waħda għal Katarin u l-oħra għad-debba tiegħi.

TONI.—X'għandha, x'għandha Katarin?

PEPPI.—Għandha daqsxejn tal-imxija. Irrid noqgħod attent li ma nħawwadhomx għax noqtol id-debba.

TONI.—U intant għad-debba qed tikkonfondi, oqgħod attent li ma toqtolx il-Katarin!

PEPPI.—Insomma, xi tgħidli, Ton għall-affari tal-artiċokks. Aħna ftehemna illi għandna nibagħtuh nadif mill-ħamrija kemm jista' jkun u li ma neħdux iżjed milli nkunu ikkmandati nieħdu għand il-pitkal.

TONI.—Dik maħsuba tajjeb. Min jiekol ikollu artiċokks nadif u fl-istess ħin frisk.

PEPPI.—Bosta mill-bdiewa ta' Għajn Tuffieħa, ta' l-Imġarr u ta' dawk l-inħawi ftiehmu bejniethom biex jagħmlu dan u jien ma nafx għaliex m'għandniex niftiehmu lkoll.

TONI.—Ħaġa sabiħa u ħaġa li tista' ssir. F'dawk l-inħawi ta' Għajn Tuffieħa u l-Imġarr hemm Wistin u Ħuh Pawlu tas-Swej li ħadu ħsieb dan il-ftehim.

PEPPI.—Allura naħseb illi aħna li għandna l-artiċokks kien imissna niltaqgħu ma' tas-Swej biex nistgħu naħdmu id f'id.

TONI.—Bravu! Dak hu l-ħsieb tal-Ko-operattivi. L-istess imissu jsir minn dawk il-bdiewa li għandhom prodotti oħra. Kollox jista' jsir taħt id-Direzzjon tal-Għaqda tagħna.

PEPPI.—Togħġobni l-idea, Ton.

TONI.—Dażżgur li togħġbok. Jekk il-bdiewa jiftiehmu li jagħmlu ħaġa bil-għaqal u mbagħad ikun hemm xi tnejn li jagħmlu dak jfettlilhom, allura jirvinaw kollox.

PEPPI.—Bħalma għidtlek qabel, Ton, jinħtieġ naħdmu id f'id.

TONI.—Jiswa lilna, Pepp.

PEPPI.—Illum sa nħallik, Ton, għax mgħaġġel, u għandi dawn il-fliexken tal-mistura wieħed f'id waħda u l-ieħor f'id oħra biex ma nqallibhomx.

TONI.—Ħa nara...... kif tista' tagħżilhom; tad-debba għandek flixkun tal-litru u ta' Katarin flixkun żgħir ħafna.

PEPPI.—Iva.... imma Katarin żaqqieqa tkun trid il-kbir! Saħħa, Ton.

TONI.—Saħħa, Pepp.

—:x:—

## AVVIŻI

**FTUĦ TA' L-UFFIĊĊJU PRINĊIPALI L-ĠDID TAL-BIEDJA FIL-GĦAMMIERI.** — Fit-23 tax-xahar li ħareġ infetaħ l-Uffiċċju Prinċipali l-Ġdid tal-Biedja, fil-Qasam tal-Għammieri. Il-post il-ġdid tbierek mill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqif ta' Għawdex. Fl-istess jum kien hemm ukoll il-Wirja tal-Bhejjem. Din hi l-ewwel darba li saret Wirja tal-Bhejjem fil-Għammieri, li huwa post l-iktar xieraq għall-wirjiet tal-Biedja.

**ĦLASIJIET TAL-LAĦAM.** — Il-ħlasijiet tal-laħam lill-Bejjiegħa tal-Laħam li soltu jsiru nhar ta' Ħamis fl-Uffiċċju tal-Biedja, il-Ħamrun, mill-20 tax-xahar li ħareġ 'il quddiem bdew isiru fl-istess ġurnata fl-Uffiċċju l-Ġdid tal-Biedja, il-Għammieri, il-Marsa.

**TQASSIM TA' ĦAXIX.** — Billi issa l-provvista ta' ħaxix żdiedet il-Gvern sab li issa jistgħu wkoll jiżdiedu l-ġranet li fihom jista' jitqassam il-ħaxix f'xi bliet u rħula. Il-lista ta' hawn taħt turi t-tqassim il-ġdid tal-ħaxix:— **It-Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt,** f'Attard, Balzan, Furjana, Gżira, Ħamrun, Lija, Msida, Pietà, Sliema, San Giljan u l-Belt; **It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa,** f'Birkirkara, Luqa, Marsa, Raħal il-Ġdid, Qormi u Tarxien; **It-Tnejn u l-Ħamis** f'Birżebbuġa, Kirkop, Wied il-Għajn, Mqabba, Qrendi, Safi, Żabbar u ż-Żurrieq; **L-Erbgħa u s-Sibt,** f'Bormla, l-Isla, u l-Birgu, Għaxaq, Gudia, Kalkara, Marsaxlokk, Siġġiewi, Żebbuġ u ż-Żejtun; **l-Erbgħa u l-Ġimgħa,** f'Dingli, Għargħur, Mosta, Naxxar u Rabat.